



Il-Kummissjoni
Ewropea

IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ 2021-2027 B'SAĦĦITNA FL-GĦAQDA.



B'baġit ta' **€ 1.009 biljun** allokat għall-perjodu 2021-2027, il-programm il-ġdid tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jipprovdi opportunitajiet għal mill-inqas

270 000 żagħżuġh.

Dawn iż-żgħażaġh se jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u umanitarji permezz tal-**volontarjat** jew billi jistabbilixxu **proġetti ta' solidarjetà** tagħhom stess. L-ambizzjoni tal-programm mhijiex biss li jkun aktar **inklużiv**, iżda wkoll **aktar ekoloġiku u aktar diġitali**. Għall-ewwel darba, il-programm se jippermetti wkoll liż-żgħażaġh jagħmlu volontarjat fil-qasam tal-**għajjuna umanitarja** madwar id-dinja.

FIL-QOSOR

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa programm ta' finanzjament tal-UE għaż-żgħażaġh li jixtiequ jinvolve ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà f'bosta oqsma differenti. Dawn ivarjaw minn għajjuna lil dawk żvantaġġati għall-għajjuna umanitarja, filwaqt li jikkontribwixxu għall-azzjoni meħuda dwar is-saħħa u l-ambjent madwar l-UE u lil hinn minnha.

Il-programm joffri opportunità għaż-żgħażaġh mhux biss biex jagħtu kontribut sinifikanti lis-soċjetà, iżda wkoll biex jiksibu esperjenza imprezzabbli u jiżviluppaw ħiliet ġodda. Il-programm huwa miftuħ għal persuni ta' bejn it-18 u t-30 sena għall-attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà u għal persuni ta' bejn it-18 u l-35 sena għall-attivitajiet ta' għajjuna umanitarja. Il-programm jindirizza wkoll organizzazzjonijiet attivi fis-settur tas-solidarjetà li jixtiequ jinvolve liż-żgħażaġh fl-attivitajiet tagħhom.

Biex jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-organizzazzjonijiet huma meħtieġa jiksibu **tikketta ta' kwalità** li tiċċertifika li huma kapaċi jwettqu attivitajiet ta' solidarjetà ta' kwalità għolja f'konformità mal-prinċipji, l-oġġettivi u r-rekwiżiti tal-programm.



**Prijoritajiet orizzontali tal-programm:
li jkun inkluż, ekoloġiku u diġitali**



Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà il-ġdid jappoġġa l-**prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea** u jinvolvi kemm lill-organizzazzjonijiet kif ukoll liż-żgħażaġh fi proġetti li jgħinu jindirizzaw tali prijoritajiet.

Il-programm jippromwovi l-**inklużjoni u d-diversità** u għandu l-għan li jipprovdi liż-żgħażaġh kollha b'aċċess ugwali għall-opportunitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-programm għandu l-għan li jadotta **prattiki ekoloġiċi** fil-proġetti u l-attivitajiet kollha, kif ukoll li jippromwovi mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli kemm fost il-parteċipanti kif ukoll fost l-organizzazzjonijiet.

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-**tranżizzjoni diġitali** billi jappoġġa proġetti u attivitajiet li jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali, irawmu l-litteriżmu diġitali u jwasslu biex jinftiehm u r-riskji u l-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali.

Barra minn hekk, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jippromwovi l-involvement ċiviku u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-**proċessi demokratiċi**. Minħabba li l-qalba tiegħu hija l-volontarjat, il-programm jinvolvi u jagħti s-setgħa liż-żgħażaġh biex ikunu attivi fis-soċjetà u jsiru aġenti ġenwini tal-bidla.

Il-programm jipprovdi l-flessibbiltà biex jiżdiedu prijoritajiet annwali u b'hekk jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' sfidi mhux previsti, bħal pereżempju l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru minnha, b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni u l-appoġġ għas-**saħħa**. Il-programm jista' jimmobilizza l-voluntiera biex jappoġġaw proġetti li jindirizzaw diversi sfidi tas-saħħa.



VOLONTARJAT

Il-volontarjat jipprovdi liż-żgħażaġh bl-opportunità li jikkontribwixxu fil-ħidma ta' kuljum tal-organizzazzjonijiet li jispeċjalizzaw f'attivitajiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju tal-komunitajiet. L-attivitajiet jistgħu jseħħu barra mill-pajjiż jew fil-pajjiż ta' residenza tal-parteċipant. Il-volontarjat individwali jista' jidur sa 12-il xahar, filwaqt li l-volontarjat f'tim normalment idur bejn ġimagħtejn u xahrejn.

ĠDID

Il-fergħa tal-għajnuna umanitarja


Għall-ewwel darba, u abbażi tal-programm Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà qed jestendi l-ambitu tiegħu biex ikopri l-attivitajiet ta' volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja.

Din il-fergħa se tkun miftuħa għaż-żgħażaġh ta' bejn it-18 u l-35 sena biex jiprovdu għajnuna ta' emerġenza bbażata fuq il-prinċipji fundamentali tan-newtralità, l-umanità, l-indipendenza u l-imparzjalità, u b'hekk jgħinu jwasslu l-assistenza, l-għajnuna u l-protezzjoni fejn l-aktar ikun hemm bżonnhom. Din il-fergħa se tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi umanitarji f'pajjiżi terzi sikuri, fejn iseħħu l-attivitajiet ta' għajnuna umanitarja tal-UE.

Il-voluntiera fil-qasam tal-għajnuna umanitarja se jiġu mħarrġa u ppreparati biex jiżguraw li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex ikunu jistgħu jgħinu lin-nies fil-bżonn b'mod effettiv. Il-voluntiera u l-organizzazzjonijiet se jkunu jistgħu jiddependu minn appoġġ komplementari, eż. minn coaches b'esperjenza fil-qasam u esperti.



X'azzjoni
jappoġġja
l-programm
2021-2027?



PROĠETTI TA' SOLIDARJETÀ

Il-proġetti ta' solidarjetà huma attivitajiet minn isfel għal fuq stabbiliti u mwettqa minn grupp ta' żgħażaġh bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin fil-komunitajiet tagħhom.

Il-programm il-ġdid għalhekk se jiffoka fuq il-volontarjat u l-proġetti ta' solidarjetà. It-traineeships u l-impjegi, li kienu jikkostitwixxu azzjoni fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2018-2020, se jitwaqqfu.

Iż-żgħażaġh li jixtiequ jissieħbu fil-programm iridu jirreġistraw ruħhom għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-Portal Ewropew għaż-Żgħażaġħ. F'dan il-Portal, iż-żgħażaġh jistgħu jfittxu opportunitajiet ippubblikati, filwaqt li organizzazzjonijiet b'tikketta ta' kwalità jistgħu jfittxu parteċipanti potenzjali għall-proġetti tagħhom.



ĠDID

F'konformità mat-trasformazzjoni diġitali

F'konformità mat-trasformazzjoni diġitali u mal-ambizzjoni tiegħu li jappoġġa l-esperjenza ta' taġlim taż-żgħażaġh, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà joffri taħriġ online liż-żgħażaġh kollha rreġistrati fil-programm. It-taqsima l-ġdida tat-taħriġ online tinsab fuq il-Portal Ewropew għaż-Żgħażaġħ. Din it-taqsima fiha moduli fi 28 lingwa li permezz tagħhom iż-żgħażaġh jistgħu jesploraw il-motivazzjoni tagħhom, itejbu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom u jħejju ruħhom għall-parteeipazzjoni fil-programm.

Trid issir taf iżjed?

Żur il-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex tiskopri aktar dwar il-programm.

Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenziji Nazzjonali

u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura jimmaniġġjaw u jimplementaw il-programm.

Segwina fil-midja soċjali



@EuropeanYouthEU

@European Solidarity Corps Official



@European_Youth_EU



@EuropeanYouthEU

